



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0274/2014**

10.4.2014

**\*\*\*||**

## **RAKKOMANDAZZJONI GĦAT-TIENI QARI**

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-għan li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE (05560/2/2014– C7-0133/2014– 2011/0398(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jörg Leichtfried

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żeuwġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati (pereżempju "). Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA .....	7
NOTA SPJEGATTIVA .....	8
PROĊEDURA .....	9



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-għan li jiġi adottat regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċe Bilanċejat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE (05560/2/2014 – C7-0133/2014 – 2011/0398(COD))**

### **(Proċedura legižlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05560/2/2014 – C7-0133/2014),
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati mis-Senat Franċiż, il-Bundesrat Ġermaniż u mill-Kamra tar-Rappreżentati tal-Pajjiżi l-Baxxi, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwarf l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jinxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Lulju 2012<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>3</sup> dwarf il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0828),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwarf il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0274/2014),
  1. Japrova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
  2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwarf il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

<sup>1</sup> ĠU C 181, 21.6.2012, p. 173.

<sup>2</sup> ĠU C 277, 13.9.2012, p. 110.

<sup>3</sup> Testi adottati tal-12.12.2012, P7\_TA(0496)2012].

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## **ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

### **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2002/49/KE**

Il-Kummissjoni qed tiddiskuti mal-Istati Membri l-Anness II għad-Direttiva 2002/49/KE (metodi tal-assessjar għall-indikaturi tal-ħsejjes) bil-ħsieb li jiġi adottat fix-xhur li ġejjin.

Abbażi tax-xogħol li qed twettaq id-WHO attwalment dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għas-saħħha tal-impatt tal-istorbju, il-Kummissjoni biċċiebha tirrevedi l-Anness III għad-Direttiva 2002/49/KE (metodi tal-assessjar għall-effetti ta' ḫsara).

## **NOTA SPJEGATTIVA**

Ir-Regolament jarmonizza, jikkjarifika u jsaħħaħ ulterjorment ir-regoli komuni dwar kif għandhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fl-ajruporti tal-UE, bħal projbizzjonijiet fuq titjuriet bil-lejl. Ir-regoli, li huma bbażati fuq prinċipji miftiehma mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u magħrufa bħala l-"Approċċ Bilanċjat", ikopru b'mod partikolari l-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-istorbju tal-ingħenji tal-ajru u huma mfassla biex jidher kif kien id-direttiva. Ir-Regolament jaapplika biss għall-ajruporti l-kbar, b'aktar minn 50 000 moviment ta' ingħenji tal-ajru ċivili kull sena, u ma jistabbilixx livelli ta' limitu spċċifici għall-istorbju, għax dawn għadhom jagħmlu parti mill-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali jew lokali.

Fuq l-inizjattiva tal-PE, l-awtoritajiet lokali jżommu s-setgħat tagħhom li jiddeċiedu dwar miżuri relatati mal-istorbju fl-ajruporti, bħal pereżempju projbizzjonijiet fuq titjuriet bil-lejl. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet obbligata tindirizza l-aspetti relatati mas-saħħa tal-istorbju tal-avjazzjoni billi tirrevedi id-Direttiva 2002/49/KE li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali. L-objettivi tal-Parlament kien, b'mod ġenerali, milħuqa fin-negożjati mal-Kunsill u l-Kummissjoni.

Wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari fit-12 ta' Diċembru 2012, ġew konklużi, fl-14 ta' Jannar 2014 u s-27 ta' Jannar 2014, negożjati informali bil-għan li jintlaħaq ftehim bikri fit-tieni qari. It-test tan-negożjati kien approvat mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu fil-11 ta' Frar 2014. Wara verifika legali-lingwistika, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħi fl-ewwel qari li tikkonferma l-ftehim fit-24 ta' Marzu 2014.

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jirrakkomanda approvazzjoni mingħajr emendi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u d-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2002/49/KE. Id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppubblikata flimkien mal-att leġiżlattiv finali.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	L-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċe Bilanċjat	
<b>Referenzi</b>	05560/2/2014 – C7-0133/2014 – 2011/0398(COD)	
<b>Data tal-1 qari tal-PE - Numru P</b>	12.12.2012	T7-0496/2012
<b>Proposta tal-Kummissjoni</b>	COM(2011)0828 - C7-0456/2011	
<b>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari</b>	2.4.2014	
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 2.4.2014	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Jörg Leichtfried 10.1.2012	
<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.4.2014	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+:	20
	-:	4
	0:	0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Cramer, Philippe De Backer, Christine De Veyrac, Said El Khadraoui, Ismail Ertug, Knut Fleckenstein, Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch, Eva Lichtenberger, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Brian Simpson, Silvia-Adriana Țicău, Giommaria Uggias, Artur Zasada	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Spyros Danellis, Isabelle Durant, Michael Gahler, Zita Gurmai, Alfreds Rubiks, Sabine Wils	
<b>Data tat-tressiq</b>	10.4.2014	